KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-20 ta' Novembru 2025 [1]

Kawża C-882/24 P

AL
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance għal wild dipendenti — Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Irtirar tal-allowance — Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament skont l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal — Stħarriġ tal-legalità — Effetti ta' deċiżjoni nazzjonali definittiva u retroattiva — Protezzjoni ġudizzjarja effettiva"

1. Permezz ta' dan l-appell, (ex) [2] uffiċjal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2024, AL vs Il-Kummissjoni [3].

2. Is-sentenza appellata tikkonferma deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea [4] li kienet ordnat l-irkupru ta' ċerti ħlasijiet magħmula favur l-appellant, bħala allowances tal-familja.

3. Hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-legalità ta' att li jikkawża preġudizzju, ikkontestat fil-kuntest ta' rikors għal annullament, għandha, bħala prinċipju, tiġi evalwata fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi *eżistenti* fil-mument tal-adozzjoni tiegħu.

4. Issa għandu jiġi ddeterminat jekk il-Qorti Ġenerali żnaturatx il-fatti billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti retroattivi ta' sentenza nazzjonali definittiva, debitament inkluża fil-proċess u mogħtija *wara* l-adozzjoni tal-att li jikkawża preġudizzju, iżda *qabel* it-tmiem tal-proċedura bil-miktub tar-rikors għal annullament.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Fis-27 ta' Settembru 2021, wara proċedura dixxiplinari, l-Awtorità tal-Ħatra (iktar 'il quddiem l-"Awtorità tal-Ħatra" jew l-"amministrazzjoni") fi ħdan il-Kunsill iddeċidiet li tneħħi lill-appellant mis-servizz. AL ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, li kkonfermatha permezz tas-sentenza tal-10 ta' April 2024, AL vs Il-Kunsill (T-22/22, EU:T:2024:219), li kontriha AL ippreżenta appell li għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (Kawża C-893/24 P, AL vs Il-Kunsill).

[3] T-50/22, EU:T:2024:220 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"). Fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn il-konklużjonijiet ser nindirizza biss it-tieni aggravju.

[4] Ir-rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali kien dirett kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-22 ta' Ottubru 2021 [Ares (2021)6909466], li tiddeċiedi dwar l-ilment imressaq minn AL kontra deċiżjoni preċedenti tat-22 ta' Marzu 2021 (Ares(2021)2023374) li tordna r-rimbors ta' ċerti allowances tal-familja mħallsa favurih. Fil-punti 17 u 21 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikors għal annullament, għalkemm formalment intiż kontra ċ-ċaħda tal-ilment, kellu l-effett li jressaq quddiem il-qorti tal-Unjoni l-att li jikkawża preġudizzju oriġinali. Għalhekk, iktar 'il quddiem, ser nuża l-espressjoni "deċiżjoni kkontestata" biex nirreferi, b'mod ġenerali, għaż-żewġ deċiżjonijiet, ikkunsidrati flimkien. Madankollu, meta jkun neċessarju li ssir distinzjoni bejniethom, ser nuża l-espressjonijiet "deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2021" u "deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2021".

I. Il-kuntest ġuridiku. Ir-Regolamenti tal-Persunal [5]

5. Skont l-Artikolu 85:

"Kull somma li tħallset żejda għandha tkun irkuprata jekk ir-riċevitur ma kienx jaf [kien jaf] li ma kien hemm l-ebda raġun[i] dovuta għall-pagament jew jekk il-fatt tal-ħlas żejjed kien tali evidenti li ma setax jinduna [ma setax ma jindunax] bih.

It-talba għall-irkuprar trid issir mhux aktar tard minn ħames snin mid-data meta s-somma tħallset. Fejn l-Awtorità tal-Ħatra kapaċi tistabbilixxi li r-riċevitur deliberatament ta informazzjoni ħażina lill-amministrazzjoni bil-ħsieb li jikseb is-somma kkonċernata, it-talba għall-irkuprar ma tkunx invalidata jekk dan il-perjodu jkun skada".

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

6. Il-fatti li wasslu għall-kawża huma miġbura fid-dettall fil-punti 2 sa 13 tas-sentenza appellata. Ser nillimita ruħi biex insemmi dawk li huma rilevanti għal dawn il-konklużjonijiet.

7. AL nħatar uffiċjal fl-1 ta' Diċembru 2007 u ġie assenjat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, fil-Belġju.

8. Fit-28 ta' Lulju 2010, l-awtorità Rumena kompetenti qegħdet żewġ minuri f'foster care ta' AL [6] Ġie awtorizzat it-trasferiment tagħhom lejn il-Belġju sabiex jgħixu ma' AL u l-konjuġi tiegħu.

9. Skont l-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, AL talab l-għoti tal-allowance għal ulied dipendenti, li ngħatatlu u tħallas mill-1 ta' Awwissu 2010 sal-31 ta' Lulju 2013 [7]. Insostenn tat-talba tiegħu, huwa pproduċa dokumenti konsulari ekwivalenti għal awtorizzazzjoni tal-ġenituri.

10. Fit-30 ta' Jannar 2013, wara talba konġunta ta' AL u tal-ġenituri tal-minuri, ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tat-Tfal adottat żewġ deċiżjonijiet li jtemmu t-tqegħid f'foster care [8].

11. Mill-proċess jirriżulta li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, adottati fl-assenza tal-applikanti, qatt ma ġew innotifikati lil AL [9].

[5] Regolament Nru 31 (KEE), Nru 11 (KEFA) li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 1962, L 45, p. 1385; EE 01/01, p. 19), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 130, rettifiki fil-ĠU 2007, L 248, p. 26, ĠU 2012, L 130, p. 24, ĠU2012, L 342, p. 48, ĠU 2016, L 289, p. 21, ĠU L 2025/90247); iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal".

[6] Id-deċiżjonijiet tal-Comisia pentru protecția copilului — Sectorului 5 București (il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tat-Tfal) — Settur 5 ta' Bukarest, ir-Rumanija) Nri 107 u 108, tat-28 ta' Lulju 2010 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2010").

[7] Inizjalment, l-allowance ngħatat għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2010 sal-31 ta' Lulju 2011. Sussegwentement, din ġiet imġedda darbtejn, għall-perijodi mill-1 ta' Awwissu 2011 sal-31 ta' Lulju 2012 u mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-31 ta' Lulju 2013.

[8] Iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013".

[9] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 14 ta' dawn il-konklużjonijiet.

12. Fit-22 ta' Marzu 2021, billi bbażat ruħha fuq il-konstatazzjonijiet ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) miftuħa fl-2016, il-Kummissjoni, skont id-Deċiżjoni (UE) 2019/792 [10], ordnat, skont l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal [11], l-irkupru (fost diversi allowances) tal-allowances imħallsa indebitament lil AL għaż-żewġ minuri, matul il-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2010 sal-31 ta' Lulju 2013.

13. AL irreaġixxa billi uża żewġ rimedji:

– Fis-16 ta' Marzu 2021, huwa stess u l-ġenituri tal-minuri ppreżentaw quddiem it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija) rikors għall-annullament tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 [12]. Huma sostnew li kienu jmorru kontra l-aħjar interessi tal-minuri, li ma kinux ġew innotifikati u difetti formali oħra.

– Huwa ressaq ilment kontra d-deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2021, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

14. Ir-riżultat ta' din il-linja doppja ta' kontestazzjoni wasslet għal dan li ġej:

– F'dak li jirrigwarda l-kontestazzjoni quddiem l-awtoritajiet Rumeni tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest), permezz ta' sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 [13], ikkonstatat in-nullità assoluta ta' dawk id-deċiżjonijiet, b'effett retroattiv. Din is-sentenza saret *res judicata* fis-16 ta' Awwissu 2022 [14].

– Fir-rigward tal-ilment quddiem il-Kummissjoni, fit-22 ta' Ottubru 2021, l-Awtorità tal-Ħatra laqgħetu parzjalment, b'mod li: a) stabbilixxiet mill-ġdid l-allowance għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2010 sad-29 ta' Jannar 2013; u (b) ordnat l-irkupru tal-allowances imħallsa indebitament irċevuti wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, għal perijodu ta' sitt xhur għal wieħed mill-minuri u ta' xahrejn għall-minuri l-ieħor [15]. Minkejja li ġiet informata fi żmien xieraq bl-eżistenza tal-proċedura pendenti quddiem it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest), l-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni ċaħdet ir-rilevanza tagħha għad-deċiżjoni dwar l-ilment [16].

[10] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/792 tat-13 ta' Mejju 2019 li tafda f'idejn il-Kummissjoni Ewropea — l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) — l-eżerċizzju ta' ċerti setgħat mogħtija lill-awtorità tal-ħatra u l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ (ĠU 2019, L 129, p. 3).

[11] Skont il-Kummissjoni, billi ma informahiex immedjatament bil-bidla importanti tas-sitwazzjoni familjari tiegħu, li seħħet wara d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, AL deliberatament qarraq bl-amministrazzjoni sabiex jikseb il-ħlas tal-allowance, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 85(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

[12] Dan ir-rikors, ippreżentat tmien snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, ma jidhirx li huwa daqshekk tardiv jekk wieħed jiffoka fuq kuntest fattwali usa'. Mir-rapport finali tal-investigazzjoni tal-OLAF fil-Każ Nru OF/2016/0928/A1 jirriżulta li, din l-investigazzjoni inbdiet fit-8 ta' Novembru 2016, AL ġie informat bil-ftuħ tagħha fit-22 ta' Lulju 2020 u rċieva notifika tar-rapport finali f'Diċembru 2020. Għalhekk huwa verosimili li, fid-dawl tan-nuqqas ta' notifika tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, l-eżistenza tagħhom ġiet skoperta fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-OLAF u li AL sar jaf bihom b'mod sħiħ biss f'mument bejn Lulju u Diċembru 2020.

[13] Sentenza Ċivili Nru 844, tas-16 ta' Mejju 2022, ECLI:RO:TBBUC:2022:013:000844 (iktar 'il quddiem is-"sentenza tas-16 ta' Mejju 2022").

[14] Is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 ikkonfermat l-assenza ta' prova ta' notifika xierqa tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, iżda prinċipalment rabtet in-nullità assoluta tagħhom mal-ksur ta' regoli imperattivi intiżi sabiex jiggarantixxu l-aħjar interess tal-minuri. B'mod partikolari, la l-ġenituri bijoloġiċi u lanqas il-ġenituri foster ma ssejħu regolarment għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet. Barra minn hekk, il-minuri ma nstemgħux qabel l-adozzjoni tagħhom, sabiex tinkiseb l-opinjoni tagħhom.

[15] Din id-differenza hija dovuta għall-fatt li, f'April 2013, AL kien ressaq talba għall-adozzjoni ta' wieħed miż-żewġ minuri u li ngħata allowances għal dan il-għan, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Fir-rigward tal-minuri l-ieħor, l-ordni ta' rkupru tkopri l-perijodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Lulju 2013.

[16] Paġna 27 tal-verżjoni Ingliża tad-deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2021.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

15. Fil-21 ta' Jannar 2022, AL ippreżenta quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2021.

16. Insostenn tar-rikors tiegħu, huwa invoka ħames motivi ta' annullament. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq żball ta' evalwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-allowance mħallsa għaż-żewġ minuri għall-perijodu wara d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 u sal-iskadenza tat-terminu li għalih kienet ingħatat (mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Lulju 2013).

17. Permezz ta' dan il-motiv ta' annullament, AL:

– irrepeta n-nuqqas ta' għarfien tiegħu tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 u, għaldaqstant, l-assenza ta' intenzjoni li deliberatament iqarraq bl-amministrazzjoni fir-rigward tad-data tat-tmiem tal-perijodu ta' fostering [17];

– enfasizza l-eżistenza tal-proċedura ta' rikors pendenti quddiem it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest) [18];

– sostna li d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 ma kinux jaffettwaw il-validità tad-dokumenti konsulari li, fil-fehma tiegħu, kienu jiġġustifikaw l-għoti tal-allowance għal wild dipendenti.

18. F'nota sussegwenti (fir-replika), ippreżentata fit-30 ta' Awwissu 2022, AL informa lill-Qorti Ġenerali bl-eżitu tal-proċedura quddiem it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest), billi bagħtilha kopja tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022.

19. Il-Kummissjoni, fil-kontroreplika tagħha, sostniet li s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 ma setgħetx taffettwa l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, peress li din kellha tiġi evalwata esklużivament fid-dawl tal-elementi eżistenti fil-mument tal-adozzjoni tagħha [19].

20. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali:

– ddikjarat, b'risposta għar-raba' motiv għal annullament, li l-amministrazzjoni setgħet tikkunsidra, ġustament, li AL kien deliberatament żgwidaha, meta ma kkomunikax it-tmiem tal-foster care mill-1 ta' Frar 2013 [20].

– qieset li "l-fatt li [*kien*] *pendenti* rikors quddiem il-qrati Rumeni kontra d-deċiżjoni li [kienet] ittemm il-foster care [ma kienx] rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li din id-deċiżjoni *effettivament ipproduċiet effetti legali* mix-xahar ta' Jannar 2013" [21].

[17] Rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, punti 110 sa 119.

[18] Rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, punt 121.

[19] Kontroreplika tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, punti 30 sa 32. Fir-rigward tan-nuqqas ta' notifika tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, l-amministrazzjoni "ma kinitx tikkunsidra li kien plawżibbli" li AL ma kienx jaf bl-eżistenza ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura li huwa stess kien beda.

[20] Fil-punti 94 sa 98 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qablet mal-pożizzjoni adottata mill-amministrazzjoni, kif riprodotta fin-nota preċedenti. Minkejja n-nuqqas ta' notifika tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, kien AL li kellu jitlob informazzjoni direttament mingħand l-awtoritajiet Rumeni, f'każ ta' dubju dwar l-eżitu tat-talba tiegħu (punti 96 sa 98 tas-sentenza appellata).

[21] Punt 100 tas-sentenza appellata. Korsiv miżjud minni.

– qieset li l-Awtorità tal-Ħatra ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta talbet ir-rimbors tal-allowances imħallsa, wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013. Għalkemm mogħtija u miżmuma abbażi ta' dokumenti konsulari li juru li l-minuri kienu jirrisjedu mal-appellant, huma l-ispejjeż ta' manteniment ta' dawn tal-aħħar li jiġġustifikaw l-għoti ta' dawn l-allowances [22].

21. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-raba' motiv tar-rikors għal annullament bħala infondat.

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22. Permezz tal-appell tiegħu ppreżentat fid-19 ta' Diċembru 2024, AL jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2021, sa fejn din tiċħad l-ilment imressaq kontra d-deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2021.

– tippermettilu jifformula aggravji ġodda konnessi, jekk jiġu skoperti punti ta' fatt jew ta' liġi ġodda.

– tqajjem *ex officio* kull aggravju ieħor ta' interess pubbliku li hija tqis xieraq.

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha u għal dawk tal-appellant.

23. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell.

– tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż.

V. Fuq it-tieni aggravju

24. Fl-appell tiegħu, AL jinvoka tliet aggravji għall-annullament tas-sentenza appellata, li minnhom, kif diġà indikajt, ser nindirizza biss it-tieni wieħed. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

A. L-argumenti ta' AL u tal-Kummissjoni

25. Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju tiegħu, AL jikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat il-fatti meta ddeċidiet (punt 100 tas-sentenza appellata) li kontra d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 "[kien] pendenti rikors" quddiem il-qrati Rumeni, meta, fil-verità, dan ir-rikors kien ingħalaq permezz ta' sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, inkorporata fil-proċess bir-replika.

[22] Punt 101 tas-sentenza appellata.

26. Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, AL isostni li, wara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta affermat (punt 100 tas-sentenza appellata) li d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 kienu pproduċew effetti legali mix-xahar ta' Jannar 2013.

27. Permezz tat-tielet parti tat-tieni aggravju, AL isostni li l-Qorti Ġenerali ma osservatx ir-regola tal-parallelliżmu tar-rekwiżiti formali meta ddeċidiet (punt 101 tas-sentenza appellata) li l-Awtorità tal-Ħatra ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta ordnat ir-rimbors tal-allowances imħallsa, billi bbażat ruħha fuq id-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013.

28. Il-Kummissjoni topponi dan l-aggravju billi tirrepeti li, sabiex tevalwa l-legalità ta' att li jikkawża preġudizzju, il-Qorti Ġenerali għandha tqiegħed lilha nfisha fil-mument li fih l-Awtorità tal-Ħatra adottat l-att ikkontestat, jiġifieri fit-22 ta' Ottubru 2021. F'din id-data, il-proċedura quddiem it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest) kienet għadha pendenti.

29. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tenfasizza li, fit-22 ta' Ottubru 2021, l-annullament *ex tunc* tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 kien għadu ma ġiex deċiż.

30. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tiċħad it-tielet parti tat-tieni aggravju, minħabba nuqqas ta' ċarezza u ta' fondatezza.

B. Evalwazzjoni

1. Osservazzjonijiet preliminari

31. L-ewwel u t-tieni parti tat-tieni aggravju huma marbuta mill-qrib. Għalkemm minn perspettivi differenti, huma t-tnejn jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni: a) l-għeluq tal-proċedura ta' annullament mibdija quddiem it-Tribunalul Bucureşti (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest); u (b) il-konsegwenzi tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 fuq l-effetti legali tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013.

32. Preliminarjament, infakkar li s-sentenza (definittiva) tas-16 ta' Mejju 2022 iddikjarat in-nullità *ab initio* tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013. Dawn tal-aħħar għalhekk *qatt ma pproduċew* l-ebda effett legali. B'mod partikolari, huma ma temmewx, legalment, il-miżura ta' foster care eżistenti fl-2013.

33. AL irċieva l-allowances għal ulied dipendenti sal-31 ta' Lulju 2013. Għaldaqstant, matul il-perijodu li matulu huwa rċieva din l-allowance, il-miżura ta' foster care deċiża permezz tad-deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2010 kellha titqies valida u effettiva: il-minuri setgħu jiġu assimilati għal tfal dipendenti, skont l-Artikolu 2(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

34. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, la kien hemm somma żejda bħala allowance għal ulied dipendenti [23], u lanqas intenzjoni manifesta li "deliberatament l-amministrazzjoni tiġi mqarrqa" dwar id-data tat-tmiem tal-miżura ta' foster care.

35. F'dan il-kuntest, il-kritika magħmula minn AL kontra l-punt 100 tas-sentenza appellata għandha żewġ aspetti:

– fir-rigward tal-konstatazzjoni li r-rikors għal annullament kontra d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 kien għadu pendenti, AL jinvoka espressament "żnaturament importanti tal-fatti" [24];

– fir-rigward tal-effetti tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 mid-data ta' meta saru definittivi, AL jikkontesta l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet tas-sentenza li annullathom.

2. L-ewwel parti tat-tieni aggravju

36. Kif diġà indikajt, AL jikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat il-fatti billi ddikjarat li r-rikors għal annullament tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, ippreżentat quddiem il-qorti Rumena, kien għadu pendenti, meta fir-realtà kien diġà ntemm. Huwa jikkritikaha wkoll talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni s-sentenza (definittiva) tas-16 ta' Mejju 2022 li temmet dan ir-rikors għal annullament.

37. Bħala aggravju ta' "natura eċċezzjonali" [25], l-iżnaturament tal-fatti għandu jiġi interpretat b'mod strett. Sabiex ikunu jista' jiġi evalwat, għandhom jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

– l-appellant għandu "jindika b'mod preċiż l-provi li[, fil-fehma tiegħu,] ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u […] juri l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni [tiegħu], [wasslu lill-Qorti Ġenerali] għal dan l-iżnaturament" [26];

– l-iżball imwettaq mill-Qorti Ġenerali għandu jirriżulta f'ineżattezza materjali tal-osservazzjonijiet tagħha, li tirriżulta b'mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti [27];

– l-iżnaturament tal-fatti, jekk jiġi stabbilit, għandu jkun ta' natura li jaffettwa l-fondatezza tas-sentenza appellata [28].

[23] Huwa minnu li, fid-dawl tal-espożizzjoni tal-fatti, l-allowance għal ulied dipendenti ngħatat sal-31 ta' Lulju 2013, minkejja li d-deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2010 kienet stabbilixxiet li l-foster care għandu jintemm fis-27 ta' Lulju 2013. Madankollu, anki li kieku kien hemm ħlas indebitu tal-allowance li jikkorrispondi għall-qbiż b'erbat ijiem, it-talba tal-amministrazzjoni tkun attwalment preskritta, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, fl-assenza ta' *dolo* speċifiku meħtieġ sabiex jippermetti li t-terminu ma jiġix infurzat fil-konfront tal-Awtorità tal-Ħatra.

[24] Il-punt 15 tal-appell.

[25] Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, PepsiCo vs Grupo Promer Mon Graphic (C-281/10 P, EU:C:2011:679, punt 78).

[26] *Loc. ult. cit.*

[27] Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025, Franza u Il-Kummissjoni vs CWS Powder Coatings *et* (C-71/23 P u C-82/23 P, EU:C:2025:601, punt 67).

[28] Fl-assenza ta' tali rekwiżit, l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv: sentenzi tal-1 ta' Frar 2007, Sisón vs Il-Kunsill (C-266/05 P, EU:C:2007:75, punti 71 u 72); u tal-5 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs EDF (C-124/10 P, EU:C:2012:318, punt 109).

38. Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, AL issodisfa, fil-fehma tiegħi, l-obbligu ta' motivazzjoni u ta' prova tal-allegazzjoni tiegħu: huwa identifika bi preċiżjoni l-fatt allegatament żnaturat u l-iżball ta' analiżi li jirriżulta mill-iżnaturament tiegħu [29].

39. Fir-rigward tat-tielet kundizzjoni, l-effett tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, li ddikjarat in-nullità *ab initio* tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, jidhirli li ma jistax jiġi miċħud. Dawn tal-aħħar, kif diġà indikajt, *qatt ma pproduċew* l-ebda effett legali, skont il-qorti Rumena, li għandu effett qawwi fuq il-"fondatezza" tas-sentenza appellata.

40. Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tat-tieni kundizzjoni tippreżenta diffikultajiet ikbar, minħabba *l-mument* li fih ingħatat is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022. Din is-sentenza ngħatat *wara* l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, iżda *qabel* l-għeluq tal-proċedura bil-miktub tar-rikors għal annullament pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

41. F'dan ir-rigward, ser nenfasizza żewġ aspetti rilevanti.

42. Qabel kollox, ma huwiex ikkontestat li AL ipproduċa quddiem il-Qorti Ġenerali s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, li ehmeż mar-replika tiegħu flimkien mat-traduzzjoni tagħha fil-lingwa tal-kawża.

43. Lanqas ma huwa kkontestat li l-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa l-eżistenza u l-effetti legali tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 fuq id-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013.

44. Jiena naqbel mal-opinjoni espressa mill-Avukat Ġenerali Mengozzi: żnaturament tal-fatti jista' jkun konċepibbli "kemm jekk [j]irrigwarda konstatazzjoni manifestament ineżatta tal-kontenut tal-provi li ttieħdu inkunsiderazzjoni, u […] anki jekk [j]irrigwarda l-ommissjoni jew is-selezzjoni ta' provi li jwasslu għal impressjoni manifestament qarrieqa u żbaljata tar-realtà" [30].

45. Għalhekk ikun hemm żnaturament tal-fatti fil-preżenza ta' ommissjoni jew ta' għażla ta' provi *inġustifikata* jew *arbitrarja*.

46. Il-Kummissjoni ssostni li, f'dan il-każ, l-ommissjoni mhux biss kienet *iġġustifikata*, iżda *meħtieġa* mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-mument li fih għandha tiġi evalwata l-legalità tal-att ikkontestat, skont il-punti ta' fatt u ta' liġi *eżistenti* fid-data tal-adozzjoni tiegħu [31].

47. Għar-raġunijiet li ser nispjega iktar 'il quddiem, inqis li dan l-argument ma jistax jintlaqa' f'dan il-każ.

[29] Punti 15 sa 19 tal-appell.

[30] Konklużjonijiet ippreżentati fil-kawżi magħquda ArcelorMittal Tubular Products Ostrava *et* vs Il-Kunsill u Il-Kunsill vs Hubei Xinyegang Steel (C-186/14 P u C-193/14 P, EU:C:2015:767), punt 72.

[31] Sentenza tas-7 ta' Frar 1979, Franza vs Il-Kummissjoni (15/76, EU:C:1979:29, punt 7). Dan il-prinċipju japplika b'mod kostanti u trasversali: ara s-sentenzi tas-17 ta' Mejju 2001, IECC vs Il-Kummissjoni (C-449/98 P, EU:C:2001:275, punt 87) (kompetizzjoni); tat-22 ta' Diċembru 2008, Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni (C-443/07 P, EU:C:2008:767, punt 110) (servizz pubbliku); tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni (C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 22) (rikors għal annullament kontra att leġiżlattiv); tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill (C-123/18 P, EU:C:2019:694, punti 37 u 38) (Miżuri restrittivi); u tal-4 ta' Ottubru 2024, García Fernández *et* vs Il-Kummissjoni u SRB (C-541/22 P, EU:C:2024:820, punt 327) (politika ekonomika u monetarja). Iktar 'il quddiem, ser nirreferi għal din il-ġurisprudenza bħala "relatata mal-istħarriġ tal-legalità".

a) Elementi "eżistenti" fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

48. Il-Qorti Ġenerali kellha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha biss fuq l-elementi *eżistenti* fil-mument meta l-amministrazzjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, fit-22 ta' Ottubru 2021 [32]?

49. Fil-fehma tiegħi, kemm il-Kummissjoni (fir-risposta tagħha) kif ukoll il-Qorti Ġenerali (fis-sentenza appellata) jadottaw perspettiva żbaljata meta jiddeterminaw liema punti ta' fatt u ta' liġi "*kienu jeżistu*" f'dik id-data. It-tnejn li huma jibbażaw ruħhom fuq viżjoni purament *materjali* tal-fatturi rilevanti, jiġifieri li:

– fit-22 ta' Ottubru 2021, "kienu jeżistu" *de facto* (fis-sens li kienu ġew adottati) id-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, li l-effetti legali tagħhom (apparenti) kienu jikkonsistu fit-tmiem tal-miżura ta' foster care.

– għall-kuntrarju, fit-22 ta' Ottubru 2021, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 kienet għadha "ma teżistix". Għalhekk, ikun korrett li jiġi affermat li r-rikors għal annullament kien pendenti quddiem it-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest).

50. Madankollu, dan l-approċċ għandu t-tendenza li jevita l-problema fundamentali mqajma mill-kawża, jiġifieri t-teħid inkunsiderazzjoni tal-effett *retroattiv* u *sempliċement dikjaratorju* tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, flimkien mal-awtorità tagħha ta' *res judicata*.

51. Is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 kienet tipprekludi lill-Qorti Ġenerali milli tirrikonoxxi effett utli lid-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, invalidi *de jure*, sabiex tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv.

52. Billi injorat dan l-element (jiġifieri billi ma rrikonoxxietx li, fit-22 ta' Ottubru 2021, id-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 ma setgħux jiġu aċċettati bħala validi), il-Qorti Ġenerali injorat l-effett retroattiv tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 [33]. Hija, għalhekk, żnaturat il-fatt essenzjali tat-tilwima, jiġifieri, is-sitwazzjoni tal-minuri fir-rigward ta' AL, u l-komprensjoni tad-dritt Rumen applikabbli *ratione temporis* għall-fatti.

53. Fil-kuntest tal-konstatazzjoni tal-iżnaturament tal-fatti, il-fatt li n-nullità tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 irriżultat minn sentenza definittiva mogħtija *wara* l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata huwa irrilevanti jekk — bħalma huwa l-każ hawnhekk — il-formulazzjoni ta' din is-sentenza turi li l-effetti legali tagħha *huma retroattivi* għal data preċedenti.

54. Is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, nirrepeti, *biddlet is-sitwazzjoni* "eżistenti" f'Jannar 2013, billi ddikjarat mingħajr ekwivoku, b'mod retroattiv, in-nullità assoluta tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013. Dawn tal-aħħar kienu ġew *eliminati radikalment* (*ex tunc*) mill-ordinament ġuridiku Rumen.

[32] Din hija d-data tad-deċiżjoni dwar l-ilment. Kif tfakkar il-Qorti Ġenerali fil-punti 17 sa 22 tas-sentenza appellata, in-natura evoluttiva tal-ilment amministrattiv timplika li preċiżazzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-motivi tal-konferma tal-att preċedenti, li jinsabu f'deċiżjoni espliċita ta' ċaħda tal-ilment, jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-legalità tal-att ikkontestat.

[33] Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-fatt li, minn perspettiva legali, il-fattur "żmien" ma huwiex ikkonċepit b'mod lineari u irriversibbli: dak li ma seħħx f'mument partikolari jista' jitqies li jeżisti legalment f'dak il-mument, jekk att sussegwenti jiġi applikat b'mod retroattiv. U viċeversa.

55. Barra minn hekk, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 ma kellhiex effett kostituttiv awtonomu: hija llimitat ruħha li "tikkonstata" id-difett li affettwa d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 *sa mill-oriġini tagħhom* [34]. Billi annullat dawn id-deċiżjonijiet nazzjonali, il-qorti Rumena reġgħet stabbilixxiet is-sitwazzjoni legali preċedenti, kif kienet teżisti qabel l-adozzjoni tagħhom (sitwazzjoni ddefinita mid-deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2010) [35].

56. Fl-aħħar nett, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 kienet ir-risposta definittiva (u finali) ta' qorti Rumena għar-rikors fejn kienet ikkontestata l-validità ta' att nazzjonali, li fuqu l-Qorti Ġenerali ma kellhiex ġurisdizzjoni. Din kellha taċċetta l-evalwazzjonijiet tal-qorti Rumena u tirrikonoxxi l-awtorità ta' *res judicata* ta' dik is-sentenza [36].

57. Fid-dawl tal-kontenut tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, is-sitwazzjoni li *kienet teżisti* fit-22 ta' Ottubru 2021 kellha, nirrepeti, tiġi evalwata fis-sens li l-foster care li kien jeżisti fit-22 ta' Ottubru 2021 ma kienx inbidel, *de jure*, bid-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013.

58. Sabiex jintlaħaq il-limitu ta' żnaturament tal-fatti, huwa neċessarju li l-Qorti Ġenerali tkun "manifestament qabżet il-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli" tal-provi inklużi fil-proċess [37]. L-interpretazzjoni proposta mill-parti li tinvokaha għandha tkun *l-unika* waħda li tista' tingħata lid-dokumenti prodotti. L-evalwazzjoni diverġenti ta' dawn id-dokumenti mill-Qorti Ġenerali għandha tiżvela żnaturament tal-kontenut tagħhom, "b'mod li huwa manifestament kuntrarju għall-kliem tagħhom" [38].

59. Inqis li dan huwa l-każ f'din il-kawża.

[34] Ir-raġunijiet għad-dikjarazzjoni ta' invalidità assoluta huma deskritti fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14.

[35] Minkejja li s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 issemmi d-dati "ġodda" tat-tmiem tal-miżura ta' foster care, dawn ma ġewx *stabbiliti* minnha. Għall-kuntrarju, dawn jirriżultaw minn ċirkustanzi barranin u prinċipalment marbuta mal-istabbiliment mill-ġdid tal-effetti legali prodotti mid-deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2010, kif ukoll minn avvenimenti suċċessivi oħra, magħrufa mill-amministrazzjoni (bħall-adozzjoni u l-emanċipazzjoni ta' wieħed mill-minuri). Ara, f'dan ir-rigward, it-test tas-sentenza riprodott fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39.

[36] Huwa minnu li, kemm fid-dritt tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* għandu status fundamentali. Dan japplika sal-punt li qorti nazzjonali ma hijiex obbligata li ma tapplikax ir-regoli proċedurali interni li jagħtu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni ġudizzjarja, anki jekk dan jippermettilha tirrimedja sitwazzjoni nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' April 2022, Avio Lucos (C-116/20, EU:C:2022:273, punti 92 u 93 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata)). Għalkemm tali prinċipju ma jistax jipprekludi l-eżerċizzju ta' kompetenza esklużiva ta' istituzzjoni tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini (C-119/05, EU:C:2007:434)), ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' applikazzjoni jibqa' eċċezzjoni u ma għandux jestendi lil hinn minn din l-ipoteżi. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kienet obbligata tosserva l-awtorità ta' *res judicata* marbuta mas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, billi tikkonforma ruħha mal-konstatazzjonijiet tal-qorti Rumena kompetenti, iktar u iktar peress li din l-osservanza kienet tiffaċilita, u mhux timmina, applikazzjoni korretta tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal.

[37] B'mod partikolari, "ma huwiex biżżejjed, sabiex tintwera l-eżistenza ta' tali żnaturament, li jiġi propost qari tal-provi […] li jkun differenti minn dak magħmul mill-Qorti Ġenerali": sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs ANKO (C-78/14 P, EU:C:2015:732, punt 55).

[38] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Activision Blizzard Germany vs Il-Kummissjoni (C-260/09 P, EU:C:2011:62, punti 54 sa 57).

60. Il-formulazzjoni tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 ma tippermettix interpretazzjoni oħra ħlief dik ibbażata fuq in-nullità *ab initio* u *ex tunc* tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 [39]. Il-qari ta' din is-sentenza ma jsostnix interpretazzjoni oħra tal-fatti magħmula fil-punt 100 tas-sentenza appellata.

61. Dak li ntqal iktar 'il fuq huwa biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti f'dak li jirrigwarda l-istat tar-rikors quddiem it-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest) u r-rilevanza tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, bħala fattur ewlieni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal.

62. Loġikament, meta adottat id-deċiżjoni kkontestata (fit-22 ta' Ottubru 2021), l-amministrazzjoni ma kinitx taf bl-eżistenza tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 u n-nullità assoluta tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013. Madankollu, dan in-nuqqas ta' għarfien ma jaffettwax dak li għadni kif għidt, kif ser nispjega iktar 'il quddiem.

b) Ir-rekwiżit ta' għarfien minn qabel, mill-amministrazzjoni, tal-elementi "eżistenti" fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

63. Fl-astratt, jista' jiġi sostnut li l-elementi li fuqhom hija bbażata l-evalwazzjoni tal-legalità ta' deċiżjoni kkontestata għandhom ikunu mhux biss "eżistenti" fil-mument tal-adozzjoni ta' din tal-aħħar, iżda wkoll "magħrufa" mill-amministrazzjoni awtriċi tal-att [40].

64. Madankollu, inqis li l-għarfien minn qabel tal-amministrazzjoni ma huwiex kundizzjoni indispensabbli. Il-ġurisprudenza dwar l-istħarriġ tal-legalità (li tirrikonoxxi l-awtonomija deċiżjonali tal-amministrazzjoni fil-konfront tal-Qorti Ġenerali) [41] tippermetti li titwarrab in-neċessità tal-għarfien minn qabel f'każijiet speċifiċi.

[39] Fil-paġna 11 tat-traduzzjoni Ingliża tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, jingħad li: "Finding the reason for nullity based on the violation of the provisions of Art. 58(4) and […] Art. 29(1) of the [RO Child Protection] Law no. 272/2004, in the form in force on the date of issuing the contested decisions, the Court shall [declare] the absolute nullity of the Decision nr. 14/30.01.2013 and of the Decision nr. 15/30.01.2013 issued by the Child Protection Commission of the Local Council Bucharest 5 […], [decisions] which had terminated the [child] protection measure of placement in [foster care] of the [then-]minors [A] and [B]; […]. Resulting from the above [findings and declaration of absolute nullity], *the [child protection] measure of placement [in foster care] of the minors did not end as a result of the [hereby annulled] Decision nr. 14/30.01.2013 and of the Decision nr. 15/30.01.2013* […], [but instead the court finds that] this measure […] continued to produce effects until the child [A] became legally major, on 13.05.2014, date set by the closing judgment […] pronounced by the Alba Court […] in which full legal capacity [emancipation] was recognized upon reaching the age of 16 […]. Pertaining to the child [B], starting [the legal reasoning] from the provisions of art. 58(1) of law 272/2004, according to which the measure of placement [in foster care] is a temporary one, as the placement decision was issued on 28.7.2010, this measure has ceased on 28.7.2013" (enfasi miżjuda minni).

[40] Iktar 'il quddiem, ser nuża, għall-finijiet ta' qosor, l-espressjoni "għarfien minn qabel" sabiex nirreferi għal dan ir-rekwiżit.

[41] Il-limitazzjoni tal-istħarriġ tal-legalità għall-elementi eżistenti fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata hija intiża sabiex jiġi evitat li l-Qorti Ġenerali, meta tikkunsidra elementi li seħħew u mhux magħrufa mill-amministrazzjoni, tissostitwixxi l-motivazzjoni tal-amministrazzjoni bil-motivazzjoni tagħha: sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni (C-603/13 P, EU:C:2016:38; iktar 'il quddiem is-"sentenza Galp Energía España"), punt 73.

65. Ir-rekwiżit li l-amministrazzjoni kienet f'pożizzjoni li tkun taf u li tevalwa, minn qabel u b'mod awtonomu, il-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huwa bbażat l-istħarriġ tal-legalità tal-att li jikkawża preġudizzju huwa, skont il-każ, *superfluwu* [42] jew, għall-kuntrarju, *indispensabbli* [43], fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ.

66. Il-varjazzjonijiet fit-trattament irriżervat għar-rekwiżit ta' għarfien minn qabel (mill-amministrazzjoni) jiddependu: a) mill-istruttura u mill-għanijiet imfittxija mill-proċedura amministrattiva fid-diversi oqsma tad-dritt tal-Unjoni; u (b) mid-differenza fil-bilanċ bejn dawn l-għanijiet u l-interess (oppost) tad-destinatarju ta' att li jikkawża preġudizzju, li jibbenefika mid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva [44].

67. Il-punt ta' bilanċ *inerenti fil-qasam tas-servizz pubbliku* jimplika l-ibbilanċjar raġunat ta' żewġ elementi distinti:

– minn naħa, l-għanijiet speċifiċi tal-ilment previst fil-qasam tas-servizz pubbliku, b'mod partikolari fil-każijiet dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal;

– min-naħa l-oħra, il-konsegwenzi ta' interpretazzjoni restrittiva li tista' tippreġudika d-dritt ta' rikorrent għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (b'mod partikolari, id-drittijiet tad-difiża tiegħu).

68. Fir-rigward tal-ewwel element, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat "il-prinċipju mfakkar minn ġurisprudenza stabbilita, li l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu l-għan li jippermetti u jiffavorixxi ftehim bonarju tat-tilwim bejn l-uffiċjali u l-amministrazzjoni. Sabiex jiġi ssodisfatt dan ir-rekwiżit, jeħtieġ li din tal-aħħar tkun f'pożizzjoni li tkun taf bi preċiżjoni suffiċjenti l-ilmenti jew ix-xewqat tal-persuna kkonċernata" sa mill-istadju tal-ilment [45].

69. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, dan huwa intiż li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni: [46] ladarba jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tiegħu, l-amministrazzjoni hija obbligata tipproċedi għall-irkupru sħiħ tas-somom imħallsa indebitament.

[42] Fir-rigward tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE testendi għall-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, "kemm jekk dawn ikunu ġew prodotti qabel u kemm jekk wara d-deċiżjoni meħuda, kemm jekk ikunu ġew ippreżentati qabel fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva jew jekk għall-ewwel darba, fil-kuntest tar-rikors li l-Qorti Ġenerali tkun adita bih, sa fejn dawn il-provi tal-aħħar ikunu rilevanti għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni [kkontestata]" (sentenza Galp Energía España, punt 72).

[43] Fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, "il-legalità ta' deċiżjoni meħuda fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari għandha tiġi evalwata biss *fuq il-bażi tal-elementi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni setgħet kellha* fil-mument meta ħadet id-deċiżjoni" Korsiv miżjud minni. Sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-521/06 P, EU:C:2008:422, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Scott (C-290/07 P, EU:C:2010:480, punt 91); u tal-20 ta' Diċembru 2017, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-81/16 P, EU:C:2017:1003, punt 52).

[44] Skont is-sentenza tal-15 ta' April 2008, Nuova Agricast (C-390/06, EU:C:2008:224, punti 57 sa 60), il-limitazzjoni imposta mill-ġurisprudenza msemmija fin-nota preċedenti hija ġġustifikata mill-għan li tiġi ppreżervata "d-diviżjoni tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat f'żewġ fażijiet distinti, li t-tieni waħda mhijiex dejjem meħtieġa". Għall-kuntrarju, fil-kuntest tad-difiża tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tiġġustifika l-attenwazzjoni tal-parametru ta' stħarriġ fid-dawl tal-kuntest ġuridiku fil-qasam, billi tgħid li "fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jimponi fuq id-destinatarju tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet l-obbligu li jikkontesta d-diversi punti ta' fatt u ta' liġi matul il-proċedura amministrattiva, taħt piena li ma jkunx jista' jikkontesthom ulterjorment fl-istadju tal-proċedura ġudizzjarja. […] Fin-nuqqas ta' bażi legali li tistabbilixxi espressament dan, din il-limitazzjoni tikser il-prinċipji fundamentali tal-legalità u tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża" (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punti 89 u 91).

[45] Sentenza tas-7 ta' Mejju 1986, Rihoux *et* vs Il-Kummissjoni (52/85, EU:C:1986:199, punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[46] Dan huwa dak li tfakkar is-sentenza appellata fil-punt 64 tagħha.

70. Issa, fil-kuntest tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ilment ma huwiex daqstant intiż sabiex jintlaħaq ftehim bonarju veru, ibbażat fuq konċessjonijiet reċiproċi bejn il-partijiet, iżda, iktar sabiex jiġi evitat l-użu inutli tal-mezz kontenzjuż.

71. Minn din il-perspettiva, l-intervent tal-uffiċjal lanjant jippermetti lill-amministrazzjoni tikseb kjarifiki dwar il-kundizzjonijiet oġġettivi u suġġettivi ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal u, jekk ikun il-każ, li tirrettifika deċiżjoni preċedenti fid-dawl tal-provi l-ġodda miġbura.

72. Ir-rekwiżit li evalwazzjoni tal-legalità tal-azzjoni tal-amministrazzjoni tkun limitata għall-elementi effettivament *magħrufa* fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jista', f'ċerti ċirkustanzi, jillimita d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent.

73. B'mod partikolari, ikun hemm restrizzjoni indebita jekk rikorrent ma jkunx jista' jissottometti lill-qorti tal-Unjoni *l-elementi kollha* li, anki jekk jiġu skoperti sussegwentement, ikunu rilevanti għad-difiża tiegħu, sa fejn dawn ikollhom effett fuq il-legalità tal-att li jikkawżalu preġudizzju.

74. B'mod ġenerali, fil-preżenza ta' deċiżjoni amministrattiva li *diġà saret definittiva*, minħabba l-iskadenza tat-termini għat-tressiq ta' lment u għall-preżentata ta' rikors, il-Qorti tal-Ġustizzja [47] tasal għal bilanċ bejn dan l-għan u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, billi tippermettilu jitlob lill-amministrazzjoni, f'terminu raġonevoli [48], eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tiegħu, meta jseħħ fatt ġdid u "sostanzjali" [49]. Rikorrent jista' jikkontesta quddiem il-Qorti Ġenerali l-legalità tad-deċiżjoni adottata wara dan l-eżami ulterjuri.

75. Din is-soluzzjoni tippreżerva kemm l-awtonomija deċiżjonali tal-amministrazzjoni kif ukoll id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, li b'hekk tevita n-natura definittiva ta' deċiżjoni preċedenti.

76. Sakemm mhux qiegħed niżbalja, il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar każ bħal dak inkwistjoni, fejn il-fatt ġdid [50] u sostanzjali jitnissel meta d-deċiżjoni kkontestata *tkun għadha ma saritx definittiva*, peress li r-rikors ippreżentat kontriha quddiem il-Qorti Ġenerali *għadu pendenti* (Artikolu 270 TFUE).

77. F'tali każ, interpretazzjoni restrittiva tal-ġurisprudenza li torbot il-konformità mad-dritt ta' att li jikkawża preġudizzju mal-elementi mhux biss eżistenti, iżda wkoll magħrufa mill-amministrazzjoni:

– tkun tipprekludi lill-Qorti Ġenerali milli tieħu inkunsiderazzjoni fatti li seħħew wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, minkejja l-inklużjoni tagħhom fil-ħin fil-proċess u l-eventwali portata retroattiva tagħhom;

[47] Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1981, Blasig vs Il-Kummissjoni (173/80, EU:C:1981:145), punt 8; digriet tat-18 ta' Novembru 1999, Progoulis vs Il-Kummissjoni (C-431/98 P, EU:C:1999:569, punt 36); u sentenza tal-20 ta' Mejju 2021, Dickmanns vs EUIPO (C-63/20 P, EU:C:2021:406, punt 38).

[48] Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Ketselidou vs Il-Kummissjoni (F-81/08, EU:F:2009:59, punt 36).

[49] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, Global Steel Wire *et* vs Il-Kummissjoni (C-454/16 P sa C-456/16 P u C-458/16 P, EU:C:2017:818, punt 31). Il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li sentenza li tannulla att amministrattiv, mogħtija wara d-deċiżjoni kkontestata (li saret definittiva), tista' tikkostitwixxi "fatt ġdid sostanzjali" fir-rigward tal-persuni direttament ikkonċernati mill-att annullat: sentenza tat-8 ta' Marzu 1988, Brown vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (125/87, EU:C:1988:136, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[50] Hawnhekk qiegħed nuża t-terminu "ġdid" skont it-tifsira mogħtija lilu mill-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, jiġifieri bħala fatt li qabel ma kienx magħruf kemm mill-uffiċjal kif ukoll mill-amministrazzjoni. F'dan il-kuntest, il-klassifikazzjoni tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 bħala "fatt ġdid" ma hijiex inkompatibbli mas-soluzzjoni proposta fil-punti 49 sa 57 ta' dawn il-konklużjonijiet: in-nullità assoluta tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 hija retroattiva għall-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Din l-antinomija apparenti hija dovuta għall-fatt li fatt ġdid (mhux magħruf) jista' jipproduċi effetti retroattivi li għandhom effett fuq sitwazzjonijiet legali preċedenti.

– tkun tobbliga lir-rikorrent, bħala kundizzjoni tad-dritt tiegħu li jinvoka l-elementi kollha skaġonanti eżistenti, li jerġa' jressaq il-każ quddiem l-amministrazzjoni sabiex isostni fatti ġodda u sostanzjali b'rabta ma' deċiżjonijiet diġà definittivi.

78. Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, la jkun raġonevoli u lanqas proporzjonat li AL jintalab iressaq ilment ġdid quddiem l-amministrazzjoni.

79. Ir-rekwiżit li AL jitlob eżami mill-ġdid min-naħa tal-amministrazzjoni (bl-uniku għan li jippermetti lil din, jekk ikun il-każ, *li tevita r-rikors għal rimedju kontenzjuż* fir-rigward ta' dan il-fatt ġdid u sostanzjali) ma huwiex iġġustifikat *meta diġà kien hemm proċedura ġudizzjarja* dwar l-effett ta' dan l-istess fatt fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata [51].

80. Tali rekwiżit imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u tiġi ppreżervata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Barra minn hekk, dan jikkostitwixxi ostakolu sabiex il-kawża tiġi deċiża, fil-mertu u malajr, mill-qorti tal-Unjoni.

81. Fil-fehma tiegħi, kieku kklassifikatu bħala fatt "ġdid u sostanzjali", il-Qorti Ġenerali kienet tkun f'pożizzjoni li tevalwah, direttament u b'mod awtonomu, *ladarba debitament iddaħħal fil-proċess u kien suġġett għal dibattitu kontradittorju bejn il-partijiet*. Hija kienet tkun tista', għalhekk, tislet il-konklużjonijiet tagħha stess fir-rigward tal-effett ta' dan il-fatt fuq il-legalità tal-azzjoni amministrattiva fid-data inkwistjoni.

82. Is-soluzzjoni li nirrakkomanda jidhirli, barra minn hekk, li hija konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konkordanza bejn l-ilment u r-rikors.

83. Bħala prinċipju, ir-regola ta' konkordanza, l-istess bħal dik dwar l-istħarriġ tal-legalità, tirrestrinġi l-possibbiltà li jitressqu direttament quddiem il-qorti, matul il-fażi kontenzjuża, elementi u motivi li ma jkunux ġew invokati u diskussi fil-kuntest tal-ilment amministrattiv imressaq qabel.

84. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali lment, filwaqt li huwa obbligatorju, "ma għandux l-għan li jorbot, b'mod rigoruż u definittiv, il-fażi kontenzjuża eventwali, bil-kundizzjoni li r-rikors ġudizzjarju la jbiddel il-kawża u lanqas is-suġġett tal-ilment" [52]. "Il-kunċett ġenerali kemm tal-proċedura prekontenzjuża kif ukoll dik kontenzjuża jmur kontra interpretazzjoni tal-Artikolu 91(2) li, meħuda litteralment, sempliċement ittawwal inutilment il-proċedura" [53].

85. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jiġu estrapolati għal-limitazzjoni stabbilita mill-ġurisprudenza dwar l-istħarriġ tal-legalità. It-tnaqqis tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma għandux imur sal-punt li jirrestrinġi l-possibbiltà li jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi prodotti mir-rikorrent li, *mingħajr ma jbiddlu s-suġġett jew il-portata tat-tilwima*, huma marbuta ma' motivi diġà invokati u li għandhom l-għan li jiġu stabbiliti l-elementi *effettivament eżistenti* fid-data inkwistjoni.

[51] Fil-kuntest tal-fażi bil-miktub tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kellha l-possibbiltà li tiddeċiedi dwar l-effett tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022 fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Kummissjoni llimitat ruħha sabiex tiċħad ir-rilevanza tagħha, mingħajr ma żviluppat, sussidjarjament, kunsiderazzjonijiet fuq il-mertu: ara l-punti 31 u 32 tal-kontroreplika ppreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali.

[52] Sentenza tas-7 ta' Mejju 1986, Rihoux *et* vs Il-Kummissjoni (52/85, EU:C:1986:199, punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[53] Sentenza tas-16 ta' Marzu 1978, Ritter von Wüllerstorff und Urbair vs Il-Kummissjoni (7/77, EU:C:1978:68, punt 8).

86. Fil-kuntest tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-amministrazzjoni ma għandhiex, fir-realtà, marġni ta' evalwazzjoni. Ir-rwol tagħha huwa limitat għall-verifika tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet oġġettivi (eżistenza ta' ħlas indebitu) u suġġettivi (għarfien jew prova tal-irregolarità tal-ħlas) li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni.

87. Għalhekk, ma hemmx riskju ta' sostituzzjoni tal-motivazzjoni (li l-ġurisprudenza dwar l-istħarriġ tal-legalità għandha l-għan li tevita)[54] jekk il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-kundizzjonijiet oġġettivi jew suġġettivi mfakkra iktar 'il fuq ma humiex issodisfatti.

88. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwassluni sabiex nikkonferma li n-nuqqas ta' għarfien minn qabel, mill-amministrazzjoni, tan-nullità tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 ma kienx jipprekludi l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, mill-Qorti Ġenerali.

89. Il-Qorti Ġenerali kellha tosserva l-effett retroattiv tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, sabiex tiddetermina l-elementi "eżistenti", minn perspettiva legali, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Billi naqset milli tagħmel dan, hija wettqet żnaturament tal-fatti.

90. Is-soluzzjoni li nipproponi hija konformi maċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ. Ma naħsibx li dan l-appell huwa l-okkażjoni xierqa sabiex tittieħed deċiżjoni fir-rigward tad-diskrepanza *apparenti* bejn is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-limiti tal-istħarriġ tal-legalità[55]. Kieku kellha tingħata preferenza lil linja ta' ġurisprudenza fuq oħrajn, jiena tal-fehma li għandha tiġi ġġeneralizzata dik esposta fis-sentenza Galp Energía España.

91. Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi milqugħa. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel ma' dan, ma jkunx indispensabbli li jiġi analizzat il-kumplament ta' dan it-tieni aggravju. Fi kwalunkwe każ, ser nagħmel dan b'mod sussidjarju.

3. It-tieni parti tat-tieni aggravju

92. AL jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ddikjarat li d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 ipproduċew effetti legali mix-xahar ta' Jannar 2013. Skont dan, fil-mument tal-għoti tas-sentenza appellata, diġà ġie stabbilit li dawn id-deċiżjonijiet kienu vvizzjati b'nullità assoluta u għalhekk qatt ma kienu pproduċew effett ġuridiku.

93. AL jikkritika l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet tad-dritt Rumen applikabbli, mhux biss f'dak li jirrigwarda l-validità tad-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013, iżda wkoll, b'mod indirett, f'dak li jirrigwarda l-effett *ratione temporis* tal-miżura ta' foster care[56].

94. Għalkemm AL ma invokax f'din il-parti tat-tieni aggravju, tal-inqas b'mod espress, l-*iżnaturament* tad-dritt Rumen, inqis li tali kritika hija impliċita u tirriżulta, loġikament, mill-ewwel parti tal-aggravju tiegħu.

[54] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 41. Il-Qorti Ġenerali għalhekk sempliċement teżamina jekk, wara l-fatt ġdid u sostanzjali, it-talba għall-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament tibqax regolari, li jikkorrispondi għas-sustanza stess tal-istħarriġ tal-legalità.

[55] Ara n-noti ta' qiegħ il-paġna 31, 42, 43 u 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[56] L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jorbot id-dritt għal allowance għal wild dependenti ma' "responabbiltà [ta' manteniment] *taħt deċiżjoni ġudizzjarja bbażata fuq il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri dwar il-ħarsien tal-minuri*" (enfasi miżjuda minni). F'dan il-każ, il-miżura foster care hija rregolata mid-dritt Rumen u t-tilwima tirrigwarda l-*effettività ratione temporis* ta' din il-miżura, li għandha effett fuq id-dritt għal allowance għal wild dependenti.

95. Hemm rabta mill-qrib bejn il-"fatt" li AL jallega żnaturament tiegħu (l-eżistenza tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022) u d-"dritt" applikabbli (il-konsegwenzi legali ta' din is-sentenza fuq id-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013) [57].

96. Ikun formaliżmu eċċessiv li tiġi miċħuda l-ammissibbiltà tat-tieni parti tat-tieni aggravju għas-sempliċi raġuni li AL ma użax, meta fformulah, it-terminu "żnaturament". Sabiex jiġi evalwat jekk dan seħħx, fir-rigward tad-dritt Rumen, huwa biżżejjed li jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet diġà deskritti fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet humiex issodisfatti [58].

97. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ikun hemm żnaturament tad-dritt meta "l-Qorti Ġenerali [tkun] wettqet evalwazzjonijiet li manifestament imorru kontra l-kontenut tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-leġiżlazzjoni jew tat lil dawn tal-aħħar portata li mhix dovuta lilhom" [59].

98. B'mod partikolari, fil-kuntest ta' appell, "il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex teżamina, l-ewwel nett, jekk il-Qorti Ġenerali, abbażi tad-dokumenti u tal-atti l-oħra li ġew ippreżentati quddiemha, żnaturatx il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jew il-ġurisprudenza nazzjonali relatata magħhom jew inkella d-duttrina legali li tittrattahom, it-tieni nett, jekk il-Qorti Ġenerali għamlitx, fid-dawl ta' dawn l-elementi, konstatazzjonijiet li jmorru manifestament kontra l-kontenut tagħhom u, fl-aħħar nett, jekk il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżami tal-elementi kollha, tatx lil wieħed minn dawn l-elementi, sabiex tikkonstata l-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, portata li ma tixraqlux meta mqabbel mal-elementi l-oħra, sa fejn dan jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess" [60].

99. Għaldaqstant, hija l-Qorti Ġenerali li għandha l-obbligu li "teżamina l-elementi kollha", validament inklużi fil-proċess, sabiex tattribwixxi lil kull wieħed minnhom il-portata li għandu "meta mqabbel mal-elementi l-oħra".

100. F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kellha tiddetermina, "abbażi tad-dokumenti u tal-atti l-oħra li ġew ippreżentati quddiemha", il-portata *ratione temporis* eżatta tal-miżura ta' foster care. Sabiex dan isir b'mod korrett, kien indispensabbli li jiġu evalwati *d-deċiżjonijiet Rumeni kollha mogħtija f'dan ir-rigward*, inkluża s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2022, kif ukoll ir-relazzjoni eżistenti bejniethom.

101. Għar-raġunijiet li diġà esponejt, billi aċċettat li d-deċiżjonijiet nazzjonali tat-30 ta' Jannar 2013 kienu pproduċew effetti legali mix-xahar ta' Jannar 2013, il-Qorti Ġenerali tathom portata li ma kellhomx, skont l-ordinament ġuridiku li kienu ġejjin minnu.

102. Konsegwentement, kien hemm evalwazzjoni manifestament żbaljata, skont id-dritt Rumen, tal-portata *ratione temporis* tal-miżura ta' foster care. Din l-evalwazzjoni kellha effett, kemm dirett kif ukoll żbaljat, fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal [61].

103. Għaldaqstant, inqis li anki t-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tintlaqa'.

[57] Ara, f'dan ir-rigward, l-ewwel sentenza tal-punt 19 tal-appell.

[58] Punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[59] Sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni (C-649/15 P, EU:C:2017:835, punt 52).

[60] Sentenza tat-12 ta' Settembru 2024, Anglo Austrian AAB vs BĊE u Far East (C-579/22 P, EU:C:2024:731, punt 86).

[61] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 55 ta' dawn il-konklużjonijiet.

4. It-tielet parti tat-tieni aggravju

104. Fid-dawl tas-soluzzjoni li jiena nipproponi fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni parti tat-tieni aggravju, ma huwiex neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar it-tielet parti. Madankollu, ser nagħmel dan fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu pożizzjoni differenti.

105. F'din il-parti tat-tieni aggravju, AL jirriproduċi, kważi kelma b'kelma, il-motivi invokati quddiem il-Qorti Ġenerali [62], mingħajr ma jinkludi argument intiż speċifikament sabiex jidentifika l-iżball ta' liġi fis-sentenza appellata.

106. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet parti tat-tieni aggravju ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikoli 168(1)(d) u 169 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'tali mod li għandha tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli.

107. Fil-qosor, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni aggravju u tannulla l-punti korrispondenti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

VI. Dwar ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

108. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

109. Minħabba n-natura limitata tal-analiżi tiegħi tal-appell, li hija limitata għat-tieni aggravju tiegħu, ma nistax nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi definittivament il-kawża.

110. Kont inkun nista' nagħmel dan kieku hemm biss dan l-aggravju, minflok ma tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni, peress li l-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq iwasslu unikament għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

VII. Fuq l-ispejjeż

111. Għal dawn l-istess raġunijiet, ma huwiex xieraq li nesprimi ruħi dwar l-ispejjeż.

VIII. Konklużjoni

112. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-tieni aggravju ppreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2024, AL vs Il-Kummissjoni (T-50/22, EU:T:2024:220), u tannulla l-parti ta' din is-sentenza li hija kkonċernata minn dan l-aggravju.

[62] Il-punti 21 u 22 tal-appell huma identiċi għall-punti 46 u 47 tar-replika ppreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-punt 20 tal-appell tiegħu, AL jillimita ruħu sabiex jinvoka l-ksur, mill-Qorti Ġenerali, tar-regola tal-paralleliżmu tar-rekwiżiti formali, mingħajr ma jiżviluppa argumenti oħra sabiex jikkritika, speċifikament, ir-raġunament żviluppat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata.